## TIGRIB.....

*Ħajti għextha darbtejn: niftakar darba*
*Ruħi jassartha taħt saltnet il-ħjiena*
*U l-hena mħollma bi ġwenħajn għajjiena*
*Ħassritli qalbi u nisslitli karba.*

*Ġarrabt il-benna tal-ġibdiet imwarrba*
*Mis-safa tat-tjubija, ħeġġa qalbiena*
*Tkebbes u tixgħel is-sigħat ta' żmienha*
*Fis-serħ imxaħxħa tal-ħlewwiet imġarrba.*

*Illum qalbi titriegħex ġewwa fija*
*Għaż-żmien li ħlejt imtajjar wara l-bluha,*
*Nixxiegħa mhux ta' ferħ 'ma t'hemm u ħtija.*

*U nibki ż-żmien meta taħt star il-frugħa*
*Ċħadt lili nnifsi l-għasel tat-thennija*
*Li r-ruħ safja bla semm tilma żagħżugħa.*

16/x/54. **C. Cassar.**